*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,742, 26 ta' Novembru, 2021*
*Taqsima B*

**A.L. 462 tal-2021**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2021 dwar *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 dwar *Standard* Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2022.

L-inqas paga nazzjonali.

**2.** L-inqas paga nazzjonali fil-ġimgħa għal ġimgħa normali ta' xogħol għandha tkun kif ġej:

Ta' età 18-il sena u fuqhom ..................€182.83

Ta' età 17-il sena ..............................€176.05

Taħt is-17-il sena ..............................€173.21

Impjegati *part-time.*

**3.** L-inqas paga nazzjonali ta' impjegati *part-time* għandha tkun ikkalkulata *pro rata* bl-istess rata fis-siegħa ta' impjegat komparabbli *whole-time* li tkun tapplika skont l-inqas paga tal-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi rilevanti, jew f'każijiet fejn Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi ma tkunx tapplika, b'rata fis-siegħa li ma tkunx anqas mill-Inqas Paga Nazzjonali *Standard* li tkun tapplika, kif stabbilita skont l-artikolu preċedenti u diviża b'erbgħin (40).

Kunsilli tal-Pagi Ordnijiet dwar li jirregolaw il-Pagi.

**4.** Meta xi Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi jkun japplika għal xi impjegat, il-pagi li jitħallsu lil dak l-impjegat fir-rigward tal-2022 ma għandhomx ikunu anqas minn dawk stabbiliti b'dak l-Ordni dwar Kunsill tal-Pagi li Jirregola l-Pagi applikabbli għal 2021, aġġustat għall-għoli tal-ħajja b'xi żjidiet ta' pagi dikjarati bħala li jkunu ġeneralment japplikaw għall-impjegati *whole-time* kollha skont l-artikolu 8 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, jew b'xi żidiet fil-paga għall-għoli tal-ħajja stabbilita b'xi ordni ta' *standard* nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-2022.

Kap. 452.